**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 23 TA' SETTEMBRU 2015**

**SPETTUR**

**Robert Said Sarreo**

**VS**

**Kenward Jake Bartolo**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kenward Jake Bartolo bin Kenneth u Jacqueline nee' Abela, mwieled Pieta' fl-10 ta' Ottubru 1995, residenti Hubbard Flats, Flat 4 Blk 5, Triq Alessandra, Bormal u detentur tal-Karta tal-Identiat' bin-numru 451395M;

Talli;

1) Nhar is-17 ta' Ottubru 2014 ghall-habta ta' bejn il-11.45am u nofsinhar gewwa Triq l-Irlandizi, Bormla, hebb ghal persuna ta' Godfrey Grech, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 991449M u

kkagunalu griehi ta' natura gravi skont ma ccertifika Dr Alexander Baldacchino MD tal-klinika ta' Rahal Gdid;

2) Aktar talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Skond ir-rapport tal-Pulizija, fid-data u l-hin indikati, Godfrey Grech kien fit-triq imsemmija jilmenta ma' persuna ohra li xi membru tal-familja tal-imputat kien ipparkja l-vettura b'mod li kien qed jiehu 'parking' ta' zewg vetturi u jostakola l-parkegg ghal vetturi ohra. F'hin minnhom gie l-imputat, u Grech qabad jargumenta mieghu, fejn dan wiegbu li kienet ommu li pparkjat il-vettura hekk. Ftit tal-hin wara giet ukoll omm l-imputat u ghal xi raguni, qam argument bejn Kenward u Grech, u gew fl-idejn, bil-konsegwenza li Grech sofra griehi gravi kif iccertifika t-tabib Baldacchino. Il-Pulizija gew imsejha fuq il-post, u wara li saru

l-verifiki dwar dan l-incident, l-imputat tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi.

Il-Qorti kellha l-opportunita' tisma' kemm lil Grech kif ukoll lill-imputat jaghtu x-xiehda taghhom. Godfrey Grech qal li dakinhar hu kien ghadu kif ipparkja l-vettura tieghu meta gie l-imputat u saq il-vettura MUM 272 u pparkjaha b'mod li ha l-ispazju ta' zewg vetturi. Grech beda jargumenta mieghu, li dan egoizmu tieghu li jiehu l-post ta' zewg karozzi, u Bartolo hebb ghalih u tah xi daqqiet. Wara mar sal-klinika u sal-isptar, u gie ccertifikat li kien qed isofri minn ksur fil-polz ta' idu l-leminija.

L-imputat xehed u qal li l-argument ma' Grech kien qam ghax ommu kienet tipparkja l-vettura bil-kontra tal-ohrajn, halli ma ssirilhiex hsara. Grech beda jgerger li min jipparkja hekk huma egoisti, u Bartolo mar fuqu u saqsih x'ried ighid biha. Qam argument bejniethom, nizlet omm Bartolo, Jacqueline, u l-imputat qal li Grech hebb ghal ommu, u kif ra hekk, hu imbuttah u Grech waqa' mal-art, izda qam u rega' hebb ghalih. Huma kienu qed joffendu lil xulxin waqt li kienu qed jargumentaw. Fl-ebda hin ma hebb ghal Grech biex iwegghu, u fl-ebda hin ma tah daqqiet kif qal Grech. Qal li Grech kien aggressiv hafna maghhom, u beda anke jhedded li ser iqabbad lin-nies ghalihom u jaghmillhom il-hsara fil-vetturi taghhom.

Xehdet ukoll Jacqueline Bartolo, omm l-imputat, li kkorroborat il-verzjoni li ta Kenward. Hi qalet li Grech kien aggressiv hafna mat-tifel u anke maghha, u hin minnhom wara li offendiha hebb ghaliha u imbuttaha minn spallejha. Kien f'dak il-hin li dahal Kenward u mbotta lil Grech, li waqa' mal-art imma qam ghall-glied. Wara kulhadd telaq 'l hemm.

Mill-provi prodotti l-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-incident kollu sehh unikament minhabba fl-attitudni tal-imputat u ta' ommu. Irrizulta li kien minnu li l-argument kollu qam minhabba fil-vettura kienet ipparkjata b'mod parallel u mhux perpendikolari bhall-vetturi ohra, biex hadet aktar spazju milli kellha. Din l-azzjoni dejqet lil Grech, li meta mar ikellem lill-imputat, spicca gie aggredit u sofra ksur fil-polz ta' idu l-leminija. Ta' min jirrileva wkoll li hemm disparita' fl-eta' bejn Bartolo u Grech. L-imputat huwa guvni ta' dsatax-il sena, mentri Grech huwa anzjan ta' hamsa w sittin sena. Il-Qorti semghet il-verzjonijiet tal-partijiet, u hi aktar verosimili l-verzjoni moghtija minn Grech minn dik moghtija mill-imputat u ommu.

Ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati u sejra taghti l-piena li fil-fehma taghha hija idonea ghal dan il-kaz. Hija l-fehma tal-Qorti li l-imputat ghandu bzonn jifhem sewwa l-konsegwenzi tal-agir tieghu, u din is-sentenza ghandha sservi ta' deterrent gha agir vjolenti u anti-socjali.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 214, 216 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah piena ta' sitt xhur prigunerija.

Tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni favur Godfrey Grech ghall-perijodu ta’ tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**